II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Ġunju 2008

dwar il-konferma ta' miżuri proposti mill-Olanda għall-konservazzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar fiż-żona tal-Voordelta

(notifikata bid-dokument Nru C(2008) 2415)

(It-test bl-Olandiż biss huwa awtentiku)

(2008/914/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunisdrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 8(3) u 9(2) tiegħu,

Billi

(1) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 fuq il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa ([2]) jeħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' network ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni imsejħa "Natura 2000", li fihom it-tipi ta' ħabitats naturali u speċijiet elenkati fl-Annessi ta' din id-Direttiva.

(2) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 92/43/KEE jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu, għaż-żoni speċjali ta' konservazzjoni, il-miżuri ta' konservazzjoni neċessarji.

(3) Fit-28 ta' Frar 2008 l-Olanda indikat iż-żona msejħa Voordelta bħala żona speċjali ta' konservazzjoni skond it-tifsira ta' Artikolu 3(2) tad-Direttiva 92/43/KEE u informat lill-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tagħha li tieħu miżuri biex tillimita l-attivitajiet tas-sajd f'din iż-żona.

(4) L-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE jeħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kompensatorji kollha neċessarji biex tinżamm koerenza totali tan-netwerk ta' Natura 2000 meta pjan jew proġett isir b'effetti negattivi sinifikattivi fuq sit ta' Natura 2000. F'dan il-kuntest, wara l-kostruzzjoni tal-faċilitajiet tal-port "Maasvlakte 2" fiż-żona tal-Voordelta, l-Olanda għandha tieħu l-miżuri kompensatorji xierqa. Dan il-proġett kien suġġett għal opinjoni tal-Kummissjoni favorevoli (opinjoni tal-Kummissjoni C(2003) 1308 ta' l-24 ta' April 2003).

(5) Miżuri li jikkonċernaw il-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-isfruttar ta' riżorsi akkwatiċi ħajjin huma suġġetti għar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd.

(6) L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 jippermetti li l-Istati Membri jieħdu miżuri mhux diskriminatorji biex inaqqsu l-effett tas-sajd fuq il-konservazzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar fi ħdan 12-il mil nawtiku, bil-kundizzjoni li l-Komunità ma tkunx addottat miżuri li jindirizzaw il-konservazzjoni u l-ġestjoni speċifikament għal dik iż-żona. Il-miżuri ta' l-Istati Membri jridu jkunu kumpatibbli ma' l-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd preskritta f'Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u mhux anqas stretti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Komunità. Jekk il-miżuri jaffettwaw il-bastimenti tas-sajd minn Stati Membri oħra, iridu jiġu notifikati lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali konċernati u sussegwentement iridu jiġu konfermati mill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 358, 31.12.2003, p. 59.
([2]) ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

(7) Fit-13 ta' Mejju 2008 l-Olanda tat notifika tal-miżuri li biħsiebha tieħu lill-Kummissjoni, lill-Belġju, lid-Danimarka, lill-Ġermanja u lill-Franza, li huma l-Istati Membri konċernati mill-miżuri, kif ukoll lill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Baħar tat-Tramuntana.

(8) Il-miżuri tas-sajd proposti mill-Olanda huma l-ħolqien ta' żona ta' protezzjoni ta' qiegħ il-baħar b'aċċess limitat għal bastimenti tas-sajd tat-tkarkir bit-travu mgħammra bi ktajjen li joborxu li għandhom kapaċità tal-magna akbar minn 260 hP (191 kW) u l-ħolqien ta' ħames żoni ta' mistrieħ li jinsabu fiż-żona ta' protezzjoni ta' qiegħ il-baħar li fihom huwa projbit is-sajd.

(9) Il-Belġju u l-Kunsill Konsultattiv Reġjonali tal-Baħar tat-Tramuntana ssottomettew il-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni fir-rigward tan-notifika..

(10) Il-miżuri proposti mill-Olanda mhumiex diskriminatorji peress li japplikaw bl-istess mod għall-bastimenti kollha li joperaw f'din iż-żona. Huma maħsuba biex inaqqsu l-effett tas-sajd fuq il-konservazzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar u jridu jiġu applikati fi ħdan 12-il mil nawtiku mill-linji ta' bażi. Il-Komunità ma addottat l-ebda miżura li tindirizza l-konservazzjoni jew il-ġestjoni speċifikament għal dik iż-żona.

(11) Dawk il-miżuri huma kompatibbli ma' l-objettivi preskritti f'Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, b'mod partikolari l-approċċ prekawzjonali meta jittieħdu l-miżuri maħsuba għall-protezzjoni u l-konservazzjoni ta' riżorsi akwatiċi ħajjin, u mhumiex anqas stretti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Komunità.

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżuri proposti mill-Olanda għall-konservazzjoni ta' l-ekosistemi tal-baħar fiż-żona tal-Voordelta, kif preskritti fl-Annessi I u III, huma b'dan ikkonfermati.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' l-Olanda.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kummissjoni

Joe BORG

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Digriet għar-restrizzjoni ta' l-aċċess Hinderplaat, Bollen van de Ooster, Bollen van het Nieuwe Zand

13 ta' Mejju 2008

Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel

Restrizzjoni ta' l-aċċess għal żoni naturali taħt Sezzjoni 20 ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 għaż-żona Natura 2000 'Voordelta'.

INTRODUZZJONI

Is-Sezzjoni 20, Sottosezzjoni 1, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 ([1]) tistipula li l-eżekuttivi provinċjali jistgħu jillimitaw l-aċċess għar-riservi naturali protetti hekk kif definiti fis-Sezzjoni 10, Sottosezzjoni 1; żoni ddeżinjati hekk kif definiti taħt Sezzjoni 10a, Sottosezzjoni 1; żoni oħra li għalihom qed tiġi kkunsidrata deżinjazzjoni bħal din hekk kif definiti f'Sezzjoni 12, jew partijiet ta' żoni bħal dawn safejn huwa neċessarju għall-konservazzjoni tal-valur ekoloġiku tat-tali żona.

Is-Sezzjoni 20, Sottosezzjoni 2, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 tistipula li l-awtorità hekk kif definita f'Sottosezzjoni 1 hija tal-Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel fi ftehim ma' Ministru ieħor f'każ li ż-żona definita f'Sottosezzjoni 1, jew parti minnha, qed tiġi ġestita minn jew taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak il-Ministru jew Ministri oħra.

Id-digriet li ġej irid jiġi approvat bi ftehim mal-Ministru għat-Trasport, Xogħolijiet Pubbliċi u Ġestjoni ta' l-Ilma. Il-mandat ta' l-Affarijiet Reġjonali ([2]) li jseħħ fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel jistipula li d-Direttur tar-Reġjun tan-Nofsinhar għal dan il-ministeru jkun awtorizzat biex jieħu din id-deċiżjoni f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, in-Natura u l-Kwalità ta' l-Ikel.

Huwa neċessarju li jiġi limitat l-aċċess għal numru ta' żoni fiż-żona Natura 2000 tal-Voordelta (minn hawn il-quddiem 'Voordelta') sabiex jiġi protett il-valur ekoloġiku eżistenti u tal-futur ta' din iż-żona. Il-bażi għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess bħal dawn tista' tinstab fid-Digriet ta' Deżinjazzjoni tal-Voordelta (19 ta' Frar 2008, ref DRZO/2008-113) b'kunsiderazzjoni għat-twettiq ta' l-objettivi tal-Voordelta Natura 2000, kif ukoll bħala obligazzjonijiet kompensatorji hekk kif inhuma inkorporati fil-liċenzja ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura (17 ta' April 2008, ref DRZW/2008-1670) maħruġa għall-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2. Dan huwa deskritt f'aktar detall fin-nota ta' spjegazzjoni ġenerali li takkompanja dan id-digriet.

Dan id-digriet jirregola speċifikament l-aċċess ristrett għaż-żoni dettaljati hawn taħt. Eċċezzjonijiet speċifiċi għar-restrizzjonijiet fuq l-aċċess ma jnaqqsu bl-ebda mod mill-kondizzjonijiet meħtieġa għall-liċenzjar hekk kif definiti taħt Sezzjoni 19d ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998, sakemm ma japplikawx l-eċċezzjonijiet definiti taħt Sezzjoni 19d, Sottosezzjoni 2, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 (proġetti jew attivitajiet skond il-pjan ta' ġestjoni).

DIGRIET

Sezzjoni 1

Aċċess għal 'Hinderplaat', li jinsab fil-Voordelta kif jidher fil-mappa li takkompanja dan id-digriet, għandu jiġi ristrett.

L-aċċess ristrett għall-Hinderplaat japplika għat-tipi ta' attivitajiet kollha matul is-sena kollha bl-eċċezzjoni ta' l-attivitajiet elenkati hawn taħt:

Vjaġġi bil-kenura organizzati

Totall ta' għaxar vjaġġi bil-kenura (kajak) organizzati huma permessi fil-perjodu bejn l-1 ta' Settembru u l-1 ta' Mejju b'massimu ta' żewġ vjaġġi bħal dawn f'kwalunkwe ġurnata. Il-kondizzjonijiet addizzjonali li ġejjin japplikaw ukoll:

— Aċċess huwa permess biss għal grupp (massimu ta' sittax-il persuna) dirett minn gwida ċertifikata jew għalliem affiljat ma' l-NKB (Assoċjazzjoni Olandiża tal-Kenuri) jew it-TKBN (l-Assoċjazzjoni Olandiża tat-Tbaħħir bil-Kenura).

— Huwa pprojbit li wieħed jinżel fuq il-pjanuri tal-marea. Trid tiġi osservata distanza ta' mill-anqas 250 m minn foki li jkunu qed jistrieħu.

— Il-ħarġiet iridu jiġu rreġistrati maċ-ċentru tar-reġistrazzjoni Handhaving Voordelta mill-anqas 48 siegħa qabel (numru tat-telefown magħruf mill-organizzazzjonijiet imsemmija).

([1]) Effettiv minn *Staatsblad 2005* [*Bullettin ta' Atti, Ordnijiet u Digrieti 2005*], 473.

([2]) Staatscourant 2006 [Gazzetta tal-Gvern 2006], Nru 91.

Sajd tat-tkarkir

Is-sajd tat-tkarkir b'magna ta' kapaċità ta' anqas minn 191 kW (260 hp) huwa permess bejn l-1 ta' Settembru u l-1 ta' Mejju suġġett għal permess eżistenti għat-tali użu fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan id-digriet. Din tikkonċerna żewġ intrapriżi, jiġifieri l-bastimenti OD 2 u SL 22. L-użu kontinwu huwa permess suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

— Li tinżamm distanza ta' mill-anqas 250 m mill-pjanuri tal-marea,

— Il-veloċità massima permessa hija ta' 7 mili nawtiċi fis-siegħa (13 km/h),

— Iż-żewġ bastimenti jridu jkunu mgħammra b'tagħmir tar-rintraċċar f'kondizzjoni li jista' jintuża għal skopijiet ta' infurzar.

Sajd bix-Xbieki fissi

Sajd bix-xbieki fissi (bl-użu ta' pariti u għeżula) huwa permess mas-sena kollha suġġett għal permess eżistenti għall-użu fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan id-digriet. Dan jikkonċerna intrapriża waħda, jiġifieri l-bastiment Goeree 47. Użu kontinwu huwa permess suġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

— Trid tinżamm distanza ta' mill-anqas 150 m mill-pjanuri tal-marea. Qabel, matul u wara l-perjodu tat-treddigħ tal-foki (l-1 ta' Mejju sa l-1 ta' Settembru), trid tinżamm distanza ta' mill-anqas 250 m mill-pjanuri tal-marea.

— Il-veloċità massima permessa hija ta' 7 mili nawtiċi fis-siegħa (13 km/h).

— Il-bastiment tas-sajd irid ikun mgħammar b'tagħmir tar-rintraċċar f'kondizzjoni li jista' jintuża għal skopijiet ta' infurzar.

Titjiriet ta' ħelikopters u titjiriet rikreazzjonali f'ajruplani żgħar

Titjiriet ta' ħelikopters huma permessi fuq din iż-żona 'l fuq minn altitudni minima ta' 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m).

Paragliding u hang gliding huma kompletament ipprojbiti fuq din iż-żona.

Għat-tipi l-oħra kollha ta' avjazzjoni rikreazzjonali (bil-mutur jew mingħajr), din iż-żona ġiet indikata bħala 'żona għall-konservazzjoni tan-natura' skond il-kodiċi tal-kondotta għall-avjazzjoni ġenerali, *Verantwoord Vliegen* ['Titjir Responsabbli'], li japplika għal din il-kategorija ([1]), li jistipula li dawn iż-żoni jridu jiġu evitati safejn huwa possibbli. Jekk it-titjir fuq dawn iż-żoni ma jistax jiġi evitat, allura trid tinżamm altitudni ta' mill-anqas 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m), minbarra f'sitwazzjonijiet fejn mhuwiex possibbli minħabba raġunijiet tas-sikurezza.

Sezzjoni 2

Aċċess għal 'Bollen van de Ooster', li jinsab fil-Voordelta kif jidher fuq il-mappa li takkompanja dan id-digriet, huwa limitat.

L-aċċess limitat għall-Bollen van de Ooster japplika matul is-sena kollha għaż-żona tal-mistrieħ tas-sajf iżgħar kif indikata fuq il-mappa. Mill-1 ta' Novembru sa l-1 ta' April, l-aċċess limitat japplika għaż-żona ta' mistrieħ tax-xitwa akbar kif indikata fuq il-mappa.

L-aċċess limitat għall-Bollen van de Ooster japplika għat-tipi ta' attivitajiet kollha minbarra l-attivitajiet elenkati hawn taħt:

Navigazzjoni kummerċjali u rikreattiva f'dan il-kuritur

Navigazzjoni fiż-żona ta' mistrieħ tax-xitwa f'dan il-kuritur indikat hija suġġetta għal veloċità massima ta' 7 mili nawtiċi fis-siegħa (13 km/h). Madankollu, is-serfing u t-tbaħħir bil-qlugħ f'dan il-kuritur huma projbiti.

Tbaħħir bil-kenuri, windserfing u serfing

It-tbaħħir bil-kenuri (it-tbaħħir bil-kajak), il-windserfing u s-serfing fis-sezzjoni tal-grigal taż-żona ta' mistrieħ matul is-sena kollha kif indikati fil-mappa mehmuża (ara *Sezzjoni* 5).

Dħul fil-pjanuri tal-marea f'din il-parti taż-żona ta' mistrieħ bl-intenzjoni biss li wieħed jipprattika l-isports imsemmija huwa wkoll permess.

Titjiriet ta' ħelikopters u titjiriet rikreazzjonali f'ajruplani żgħar

Titjiriet ta' ħelikopters huma permessi fuq din iż-żona 'l fuq minn altitudni minima ta' 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m).

Paragliding u hang gliding huma kompletament projbiti f'din iż-żona.

([1]) Kodiċi tal-Kondotta Verantwoord Vliegen ['Titjir Responsabbli'], Assoċjazzjoni Rjali ta' l-Ajrunawtika ta' l-Olanda (RNAA), 2004.

Għat-tipi l-oħra kollha ta' avjazzjoni rikreazzjonali (bil-mutur jew mingħajr), din iż-żona ġiet indikata bħala 'żona għall-konservazzjoni tan-natura' skond il-kodiċi tal-kondotta għall-avjazzjoni ġenerali, *Verantwoord Vliegen* ['Titjir Responsabbli'], li japplika għal din il-kategorija, li jistipula li dawn iż-żoni jridu jiġu evitati safejn huwa possibbli. Jekk it-titjir fuq dawn iż-żoni ma jistax jiġi evitat, allura trid tinżamm altitudni ta' mill-anqas 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m), minbarra f'sitwazzjonijiet fejn mhuwiex possibbli minħabba raġunijiet tas-sikurezza.

Sezzjoni 3

Aċċess għal 'Bollen van de Ooster', li jinsab fil-Voordelta kif jidher fuq il-mappa li takkompanja dan id-digriet, huwa limitat.

L-aċċess limitat għall-Bollen van het Nieuwe Zand japplika biss mill-1 ta' Novembru sa l-1 ta' Mejju.

L-aċċess limitat għall-Bollen van het Nieuwe Zand japplika għat-tipi ta' attivitajiet kollha minbarra l-attivitajiet elenkati hawn taħt:

Titjiriet ta' ħelikopters u titjiriet rikreazzjonali f'ajruplani żgħar

Titjiriet ta' ħelikopters huma permessi fuq din iż-żona 'l fuq minn altitudni minima ta' 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m).

Paragliding u hang gliding huma kompletament projbiti f'din iż-żona.

Għat-tipi l-oħra kollha ta' avjazzjoni rikreazzjonali (bil-mutur jew mingħajr), din iż-żona ġiet indikata bħala 'żona għall-konservazzjoni tan-natura' skond il-kodiċi tal-kondotta għall-avjazzjoni ġenerali, *Verantwoord Vliegen* ['Titjir Responsabbli'], li japplika għal din il-kategorija, li jistipula li dawn iż-żoni jridu jiġu evitati safejn huwa possibbli. Jekk it-titjir fuq dawn iż-żoni ma jistax jiġi evitat, allura trid tinżamm altitudni ta' mill-anqas 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m), minbarra f'sitwazzjonijiet fejn mhuwiex possibbli minħabba raġunijiet tas-sikurezza.

Sezzjoni 4

Ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess deskritti fis-Sezzjonijiet 1 u 3 imsemmija ma japplikawx għall-attivitajiet li ġejjin taħt Sezzjoni 20, Sottosezzjoni 4, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998:

Eżekuzzjoni ta' kompiti neċessarji tal-gvern

Il-preżenza matul is-sena kollha għal kompiti mwettqa mill-gvern f'isem il-ġvern, bl-użu ta' jew mingħajr bastiment, vettura jew inġenju ta' l-ajru, safejn huwa neċessarju għall-iskopijiet ta' attivitajiet ta' konservazzjoni, manutenzjoni, demarkazzjoni, monitoraġġ, ispezzjoni jew rintraċċar u militari.

Manutenzjoni ta' kejbils u sistemi ta' pajpijiet

Xogħol ta' manutenzjoni fuq kejbils u sistemi tal-pajpijiet bejn l-1 ta' Settembru u l-1 ta' Mejju. Aċċess 'l barra mill-perjodu huwa permess biss jekk il-każ huwa ta' urġenza neċessarja suġġett għad-diskrezzjoni ta' l-awtorità kompetenti .

Sezzjoni 5

1. Iż-żoni li għalihom l-aċċess huwa limitat permezz ta' dan id-digriet jidhru fil-mappa assoċjata bit-titlu 'Toegangsbeperkingsbesluit Hinderplaat, Bollen van de Ooster en Bollen van het Nieuwe Zand' [digriet għar-restrizzjoni ta' l-aċċess, Hinderplaat, Bollen van de Ooster and Bollen van het Nieuwe Zand] u definiti fid-detall permezz ta' koordinati.

2. Fl-għalqa u fuq l-ilma, il-konfini taż-żona ristretta jistgħu jiġu definiti permezz ta' sinjali u bagi.

3. Mapep u appendiċi oħra kif indikati fis-Sottosezzjoni 1 jistgħu jiġu spezzjonati għal perjodu ta' sitt ġimgħat wara l-pubblikazzjoni, fl-uffiċċji tad-Direttorat ta' l-Affarijiet Reġjonali tan-Nofsinhar tal-Ministeru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel li jinsabi f'Keisersgracht 5 f'Eindhoven. Il-ħinijiet ta' ftuħ huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9 am sal-5 pm.

Sezzjoni 6

Dan id-digriet irid jiġi mħabbar fil-*Staatscourant* [*Gazzetta tal-Gvern*]. Il-memorandum ta' spjegazzjoni li jakkompanja dan id-digriet irid jinqara flimkien ma' din l-ordni.

MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, NATURA U KWALITÀ TA' L-IKEL

per pro

Direttur tar-Reġjun tan-Nofsinhar

Oġġezzjonijiet

Huwa possibbli li l-partijiet interessati jiddepożitaw oġġezzjoni għal dan id-digriet bil-miktub taħt id-dispożizzjonijiet preskritti fl-Att tal-Liġi Amministrattiva Ġenerali. Kwalunkwe notifika ta' oġġezzjoni bħal dawn iridu jiġu depożitati fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta' l-ordni fil-*Staatscourant* [*Gazzetta tal-Gvern*] fl-indirizz li ġej:

Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel

Dienst Regelingen

Afdeling Recht & Rechtsbescherming

PO Box 20401

2500 EK The Hague
The Netherlands

Notifiki ta' oġġezzjoni jridu jkunu iffirmati u jridu jinkludu ta' mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

a) isem u indirizz tal-parti li qed tiddepożita l-oġġezzjoni;

b) data;

c) deskrizzjoni tad-digriet li qed tiġi depożitata l-oġġezzjoni kontra tiegħu, u

d) raġunijiet għall-oġġezzjoni.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Żoni Natura 2000

Il-Voordelta tospita flora u fawna ta' valur ekoloġiku speċjali. Għalhekk din iż-żona hija indikata bħala żona Natura 2000 taħt il-patroċinju tad-Direttiva ta' l-UE fuq l-Għasafar u l-Ħabitat. L-Olanda hija obbligata tistabilixxi u żżomm 'stat ta' konservazzjoni favorevoli' għal ċerti speċijiet u l-ħabitat tagħhom. Il-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa hija regolata legalment mill-Att dwar il-Flora u l-Fawna, u ż-żoni ta' konservazzjoni huma regolati legalment mill-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998. L-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 jeħtieġ li jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni għaż-żoni Natura 2000 kollha.

Flora u fawna ta' valur ekoloġiku speċjali jistgħu jinstabu mal-Voordelta kollha; madankollu, l-ikbar diversità tinsab fin-nofs tat-tramuntana ta' din iż-żona. Il-miżuri għall-konservazzjoni huma, b'ħekk, aktar effettivi meta jiġu applikat f'dawn iż-żoni fit-tramuntana.

Rapport dwar il-Kumpens Maasvlakte 2

L-iżvilupp ta' Maasvlakte 2 fiż-żona Natura 2000 tal-Voordelta se twassal għal telf ta' flora u fawna ta' valur ekoloġiku parzjalment minħabba t-tnaqqis fid-daqs taż-żona Natura 2000 ta' 2,455 ettari. Id-deċiżjoni ta' ppjanar spazjali importanti (minn hawn 'il quddiem KSPD), *Rotterdam Main Port Development 2006*, tistipula li dan it-telf irid jiġi kumpensat permezz ta' l-istabbiliment ta' żona ta' konservazzjoni fil-Voordelta, fejn jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-użu. Il-KSPD ukoll iddikjara li r-restrizzjonijiet fuq l-użu u miżuri oħra jgħinu jtejjbu l-valur ekoloġika ta' din iż-żona ta' konservazzjoni. Id-domandi ekoloġiċi tqiesu u tqiesu fil-konfront tar-restrizzjonijiet li għandhom jiġu imposti fuq l-attivitajiet tal-bniedem, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-użu eżistenti, tal-bniedem jew xort'oħra.

Il-liċenzja ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura maħruġa għall-konstruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2 tinkludi obligazzjoni ta' kumpens li tikkonċerna t-Tip ta' Ħabitat 1110 u numru ta' speċijiet ta' għasafar.

Miżuri

Fil-medda l-qasira, huwa importanti li jiġi limitat l-aċċess għal ċerti żoni fil-Voordelta sabiex ikunu jistgħu jiġu kumpensati f'waqthom l-effetti tal-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2, u sabiex jinżamm monitoraġġ fuq il-konservazzjoni u l-preservazzjoni tal-flora u l-fawna ta' valur ekoloġiku hekk kif inkorporati fid-Digriet ta' Dežinjazzjoni tal-Voordelta.

Miżuri applikabbli għall-Voordelta se jiġu inkorporati wkoll fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Voordelta. Sakemm jibda jseħħ il-pjan ta' ġestjoni, Sezzjoni 19d ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 jibqa' japplika għal kollox. L-għan ta' dan id-digriet huwa biss ir-regolament ta' l-aċċess u r-restrizzjoni fuq l-aċċess għal ċertu żoni, imma ma jipprovdi għall-ebda deroga mill-kondizzjonijiet meħtieġa għal-liċenzjar f'każijiet fejn dawn joriġinaw minn kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli.

Id-dokument ta' l-istima ta' l-Impatt Ambjentali u l-evalwazzjoni xierqa (magħmula għall-preparazzjoni tal-Pjan tal-Ġestjoni tal-Voordelta) huma l-bażijiet għad-digriet għar-restrizzjoni ta' l-aċċess. Dawn se jiġu inkorporati wkoll fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Voordelta. L-għan tal-pjan ta' ġestjoni u d-digriet għar-restrizzjoni fuq l-aċċess huwa: il-konservazzjoni tal-beni naturali protetti, il-kumpens għat-telf tal-beni naturali protetti wara l-kostruzzjoni ta' Maasvlakte 2 u, fi ħdan il-limiti ta' din il-konservazzjoni tan-natura, b'kunsiderazzjoni għall-interessi ta' l-utenti rikreazzjonali, it-turiżmu u s-sajd.

Il-miżuri ta' ġestjoni, bħar-restrizzjoni fuq l-aċċess preżenti, sejrin, jekk neċessarju, jiġu aġġustati fuq il-bażi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Nota ta' spjegazzjoni fuq ir-restrizzjonijiet fuq l-aċċess

Hinderplaat

Hinderplaat hija żona ta' mistrieħ u ta' tiftix għall-ikel li hija importanti għall-edredun. Il-miri tal-konservazzjoni ġew preskritti għal din l-ispeċi fid-Digriet tad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta.

Fi ħdan din iż-żona, hemm pjanuri tal-marea qrib il-kanali fondi li huma ta' importanza għall-foka komuni. Miri ta' titjib ġew preskritti għall-foka komuni fid-Digriet tad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta.

Il-pjanuri tal-marea kollha f'din iż-żona jifformaw żoni ta' mistrieħ estremament importanti għaċ-ċirlewwa tax-xitwa u l-isterna. Il-miri ta' konservazzjoni ġew preskritti wkoll għal dawn l-ispeċji fid-Digriet tad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta. Il-liċenzja għall-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura maħruġa għall-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2, timponi obligazzjoni ta' kumpens għal dawn l-ispeċijiet.

Bollen van de Ooster

Bollen van de Ooster tifforma żona importanti għall-protezzjoni ta' l-għasafar u żona ta' mistrieħ u ta' tiftix li huwa important għall-*common scoter* (fiż-żoni kostali), u għaċ-ċirlewwa tax-xitwa u l-isterna (fil-pjanuri tal-marea). Il-miri tal-konservazzjoni ġew preskritti wkoll għal dawn l-ispeċji fid-Digriet tad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta. Il-liċenzja għall-Att dwa il-Konservazzjoni tan-Natura maħruġa għall-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2 timponi obligazzjoni ta' kumpens għal dawn l-ispeċji.

Din iż-żona hija wkoll ta' importanza speċjali għall-protezzjoni tal-foka komuni, li jabita fit-tarf tan-Nofsinhar tal-pjanuri tal-marea. Miri ta' titjib ġew preskritti għall-foka komuni fid-Digriet tad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta.

Bollen van het Nieuwe Zand

Bollen van het Nieuwe Zand tifforma waħda miż-żoni tal-mistrieħ u tat-tiftix għall-ikel ċentrali l-aktar importanti għall-*common scoter*. Il-miri tal-konservazzjoni ġew preskritti wkoll għal din l-ispeċi fid-Digriet tad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta. Il-liċenzja għall-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura maħruġa għall-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2 timponi obligazzjoni ta' kumpens għal din l-ispeċi.

Objettivi tan-Natura 2000

Il-Foka komuni

Fil-bidu tas-seklu l-ieħor, madwar għaxart elef foka komuni kienu jgħixu fid-Delta. It-tniġġis, il-kaċċa u t-tnaqqis ta' l-ispazju fil-ħabitat tagħhom minħabba x-xogħolijiet tad-Delta naqqsu n-numri tagħhom għal ftit tużżani individwi ħamsin sena ilu. F'dawn l-aħħar snin, in-numri tagħhom kibru għal aktar minn mija fiż-żona tad-Delta, b'50 % jgħixu fiż-żona tal-Voordelta.

Huma jużaw pjanuri tal-marea bħal dawk ta' Hinderplaat, Bollen van de Ooster (Aardappelenbult) u Verklikkerplaat biex jistrieħu. Madankollu, ma jirriproduċux sew fil-Voordelta. Il-pjanuri ma jipprovdulhomx biżżejjed paċi u kwiet biex iwelldu, jreddgħu u jrabbu l-frieħ tagħhom. Il-paċi u l-kwiet mas-sena kollha huma essenzjali; l-aktar perjodu kritiku huwa qabel, matul u wara l-perjodu tat-treddigħ mill-1 ta' Mejju sa l-1 ta' Settembru.

Il-miżuri li jillimitaw l-aċċess għall-postijiet ta' mistrieħ f'Hinderplaat, Bollen van de Ooster u Verklikkerplaat li jinsabu fil-Voordelta huma maħsuba biex jippermettu ta' mill-anqas mitejn foka komuni biex jgħixu fid-Delta kollha. Hawnhekk jistgħu jrabbu l-frieħ tagħhom, u b'hekk jintlaħqu l-objettivi preskritti fid-Digriet tad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta.

L-Edredun

L-edredun huwa prinċipalment viżitatur tax-xitwa fil-Voordelta, imma gruppi żgħar huma preżenti wkoll matul is-sajf. L-edredun dejjem jinstab f'żoni kennija u baxxi tal-Hinderplaat u Bollen van de Ooster. In-numri jvarjaw minn sena għal oħra skond il-varjazzjonjiet annwali fid-disponibbiltà tal-frott tal-baħar bil-qoxra fiż-żona. Il-livelli tal-popolazzjoni ta' l-edredun fil-Voordelta qegħdin taħt pressjoni minħabba it-tnaqqis fil-provvisti ta' l-ikel bħala riżultat tal-ġabra kummerċjali tal-frott tal-baħar bil-qoxra u t-tfixkil li jirriżulta miż-żieda fil-pressjoni rikreazzjonali. Għalkemm il-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2 mhux se jkollhom impatti sinifikattivi fuq din l-ispeċi, il-miżuri huma fil-fatt kruċjali meta wieħed jikkunsidra l-istat dgħajjef tal-konservazzjoni madwar il-pajjiż. Għal din ir-raġjuni l-aċċess għaż-żona direttament mil-lvant tal-Hinderplaat se jiġi limitat biex jiġi assigurat li l-popolazzjonijiet jibqgħu fil-Voordelta.

Kumpens għall-Maasvlakte 2

Iċ-Ċirlewwa tax-xitwa u l-Isterna

Iċ-ċirlewwa tax-xitwa u l-isterna jirriproduċu 'l barra mill-Voordelta fiż-żoni Natura 2000 fil-viċin. Id-dieta tagħhom tikkonsisti minn ħut żgħir, li jaqbdu meta jgħodsu fiż-żoni kostali baxxi viċin tas-sikek tar-ramel kif deskritti hawn fuq (Tip ta' Ħabitat 1110). Is-sorsi ta' l-ikel li jinsabu viċin tal-kolonji tat-trobbija se jintilfu minħabba l-kostruzzjoni ta' Maasvlakte 2. Dan se jkollu l-aktar impatt matul il-perjodu tas-sajf, meta r-raġġ tat-titjir ta' dawn l-għasafar huwa limitat minħabba l-frieħ.

Il-kondizzjonijiet kurrenti jipprovdu paċi u kwiet limitati fuq il-pjanuri tat-tajn li l-għasafar jużaw fil-Voordelta. Il-miżuri li jirrestringu l-aċċess huma maħsuba biex joħolqu ambjent ta' aktar serħan fil-perjodu tas-sajf fuq il-pjanuri tal-marea tal-Voordelta fil-Hinderplaat u l-Bollen van de Ooster. Dan se jippermetti liċ-ċirlewwa tax-xitwa u lill-isterna jutilizzaw iż-żona aħjar bħala post ta' serħan għaż-żgħar tagħhom u se jrendilhom aktar faċli li jilħqu l-fornimenti ta' l-ikel fil-baħar.


Common Scoter


Il-*common scoter* huwa għasfur tal-passa li jżur il-Voordelta matul ix-xhur tax-xitwa. Din l-ispeċje tinstab prinċipalment fir-reġjunijiet kostali fix-xlokk ta' Bollen van de Ooster u fi u madwar Bollen van het Nieuwe Zand. Fix-xhur tas-sajf, numri iżgħar ta' *common scoter* jibqgħu fil-Voordelta biex jużawha bħala żona għall-ħrief.


Il-*Common scoters* jieklu l-frott tal-baħar bil-qoxra li jsibu fl-ilmijiet tal-kosta baxxi li se jintilfu parzjalment minħabba l-kostruzzjoni ta' Maasvlakte 2. Il-miżuri li jillimitaw l-aċċess għaż-żoni kostali ta' Bollen van de Ooster (u Bollen van het Nieuwe Zand) huwa maħsuba biex jissalvagwardjaw il-livelli xierqa ta' u l-aċċess għall-fornimenti ta' l-ikel bħala kumpens għat-telf potenzjali taż-żona ta' ta' tiftix għall-ikel ta' din l-ispeċi madwar Maasvlakte 2.

Il-ħajja salvaġġa hija partikolarment sensittiva għall-istorbju u t-tfixkil ikkawżati mill-utenti ta' l-ilma rikreazzjonali u mit-traffiku marittimu. Permezz tal-garanzija ta' paċi u kwiet matul ix-xhur tax-xitwa f'żoni fejn din l-ispeċi tfittex l-ikel u tistrieħ f'numri kbar, wieħed jittama li l-kondizzjonijiet favorevoli għall-*common scoter* jistgħu jinżammu mal-Voordelta kollha fuq livell ekwivalenti għal dawk ta' qabel il-kostruzzjoni ta' Maasvlakte 2. Matul ix-xhur tas-sajf, huma biżżejjed perjodu ta' serħan tas-sajf iqsar.

MAPEP




Werkkaart hoekpunten rustgebied Bollen van de Ooster
Ontwerp-beheerplan Voordelta
Januari 2008
bvo16
bvo18
bvo19
bvo20
bvo301
2
127 ha
bvo23
bvo07
bvo06
2
1429 ha
bvo102
bvo105
2
1186 ha
bvo33
bvo01
bvo36
bvo203
bvo201
bvo118
bvo113


Werkkaart hoekpunten rustgebied Bollen van het Nieuwe Zand
Ontwerp-beheerplan Voordelta
Januari 2008
bnz03
bnz07
bnz08
bnz01
3
1311 ha
bnz12

ANNESS II

Digriet għar-restrizzjoni fuq l-aċċess Żona tal-Konservazzjoni ta' Qiegħ il-Baħar

13 ta' Mejju 2008

Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel

Restrizzjoni fuq l-aċċess għal żoni naturali taħt Sezzjoni 20 ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 taż-żona Natura 2000 'Voordelta'.

INTRODUZZJONI

Is-Sezzjoni 20, Sottosezzjoni 1, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 ([1]) tistipula li l-eżekuttivi provinċjali jistgħu jillimitaw l-aċċess għar-riservi naturali protetti kif definiti taħt Sezzjoni 10, Sottosezzjoni 1; iż-żoni nominati huma definiti taħt Sezzjoni 10a, Sottosezzjoni 1; żoni oħra li għalihom qed tiġi kkunsidrata t-tali Dežinjazzjoni hekk dif definita f'Sezzjoni 12, jew partijiet tat-tali żoni safejn huwa neċessarju għall-konservazzjoni tal-valur ekoloġiku tat-tali żoni.

Sezzjoni 20, Sottosezzjoni 2, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 tistipula li l-awtorità hekk kif definita fis-Sottosezzjoni 1 hija f'idejn il-Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel bi ftehim ma' Ministru ieħor fil-każ li ż-żona hekk kif definita taħt Sottosezzjoni 1, jew parti minnha, tiġi ġestita minn jew taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak il-Ministru jew Ministri oħra.

Id-digriet li ġej ġie degretat mill-Ministru għat-Trasport, Xogħolijiet Pubbliċi u Ġestjoni ta' l-Ilma. Il-mandat ta' l-Affarijiet Reġjonali ([2]) li seħħ fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel jistipula li d-Direttur tar-Reġjun tan-Nofsinhar għal dan il-ministeru huwa awtorizzat jieħu din id-deċiżjoni f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel.

Huwa neċessarju li jiġi limitat l-aċċess għal numru ta' żoni fiż-żona Natura 2000 'Voordelta' (minn hawn il-quddiem 'Voordelta') sabiex jiġi protett il-valur ekoloġiku eżistenti u tal-futur ta' din iż-żona. Il-bażi għall-impożizzjoni tat-tali restrizzjonijiet fuq l-aċċess tinstab fid-Digriet tad-Dežinjazzjoni tal-Voordelta (19 ta' Frar 2008, ref DRZO/2008-113) b'kunsiderazzjoni għat-twettiq ta' l-objettivi tal-Voordelta Natura 2000, kif ukoll l-obligazzjoni ta' kumpens hekk kif inkorporati fil-liċenzja ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura (17 ta' April 2008, ref DRZW/2008-1670) maħruġa għall-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2. Din hija deskritta f'aktar detall fin-nota ta' spjegazzjoni ġenerali li takkompanja dan id-digriet.

Dan id-digriet jirregola speċifikament l-aċċess limitat għaż-żoni dettaljati hawn taħt. Eċċezzjonijiet speċifiċi għar-restrizzjonijiet fuq l-aċċess bl-ebda mod ma jistgħu jnaqqsu minn kwalunkwe kondizzjonijiet meħtieġa għall-liċenzjar hekk kif definiti taħt Sezzjoni 19d ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998, sakemm ma japplikawx l-eċċezzjonijiet hekk kif definiti taħt Sezzjoni 19d, Sottosezzjoni 2, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 (proġetti jew attivitajiet skond il-pjan ta' ġestjoni).

DIGRIET

Sezzjoni 1

Aċċess għaż-żona ta' konservazzjoni tal-qiegħ tal-baħar tal-Voordelta, kif jidher fil-mappa li takkompanja dan id-digriet, irid jiġi ristrett għas sajd tat-tkarkir bit-travu b'magna ta' kapaċità akbar minn 191 kW (260 hp).

L-aċċess limitat japplika matul is-sena kollha.

Sezzjoni 2

1. Iż-żona li għaliha ġie limitat l-aċċess permezz tad-digriet tidher fil-mappa assoċjata bit-titlu 'Toegangsbeperkingsbesluit bodembeschermingsgebiet 'Voordelta' [digriet għar-restrizzjoni fuq l-aċċess – żona ta' konservazzjoni ta' qiegħ il-baħar tal-Voordelta] u hija definita fid-detall permezz tal-koordinati.

2. Il-mapep u appendiċi oħra indikati fis-Sottosezzjoni 1 jistgħu jiġu spezzjonati għal perjodu ta' sitt ġimgħat wara l-pubblikazzjoni, fl-uffiċji tad-Direttorat għall-Affarijiet Reġjonali tan-Nofsinhar tal-Ministeru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel li jinsab f' Keisersgracht 5 f'Eindhoven. Il-ħinijiet ta' ftuħ huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9 am sal-5 pm.

([1]) Effettiv minn Staatsblad 2005 [Bulletinta' l-Atti, l-Ordnijiet u d-Digrieti 2005], 473.

([2]) Staatscourant 2006 [Gazzetta tal-Gvern 2006], Nru 91.

Sezzjoni 3

Dan id-digriet se jiġi mħabbar fil-*Staatscourant* [*Gazzetta tal-Gvern*]. Nota ta' spjegazzjoni li takkompanja dan id-digriet trid tinqara flimkien ma' l-ordni.

MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, NATURA U KWALITÀ TA' L-IKEL

per pro

Direttur tar-Reġjun tan-Nofsinhar

Oġġezzjonijiet

Huwa possibbli li l-partijiet interessati jiddepożitaw oġġezzjoni għal dan id-digriet bil-miktub skond id-dispożizzjoni stabbilita fl-Att tal-Liġi Amministrattiva Ġenerali. Kwalunkwe notifika ta' oġġezzjoni bħal din trid tiġi depożitata fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta' l-ordni fil-*Staatscourant* [*Government Gazette*] fl-indirizz li ġej:

Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel

Dienst Regelingen

Afdeling Recht & Rechtsbescherming

PO Box 20401

2500 EK The Hague
The Netherlands

In-notifiki ta' oġġezzjoni jridu jiġu ffirmati u jridu jinkludu ta' mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

a) isem u indirizz tal-parti li qed tiddepożita l-oġġezzjoni;

b) data;

c) deskrizzjoni tad-digriet li qed issir oġġezzjoni kontra tiegħu; u

d) raġunijiet għall-oġġezzjoni.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Żoni Natura 2000

Il-Voordelta tospita flora u fawna ta' valur ekoloġiku speċjali. Għalhekk din iż-żona hija indikata bħala żona Natura 2000 taħt il-patroċinju tad-Direttiva ta' l-UE fuq l-Għasafar u l-Ħabitats. L-Olanda hija obbligata tistabbilixxi u żżomm 'stat ta' konservazzjoni favorevoli' għal ċerti speċijiet u l-ħabitat tagħhom. Il-konservazzjoni tal-ħajja selvaġġa hija regolata legalment mill-Att dwar il-Flora u l-Fawna, u ż-żoni ta' konservazzjoni huma regolati legalment mill-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998. L-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 jeħtieġ li jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni għaż-żoni Natura 2000 kollha.

Flora u fawna ta' valur ekoloġiku speċjali jistgħu jinstabu mal-Voordelta kollha; madankollu, l-ikbar diversità tinsab fin-nofs tat-tramuntana ta' din iż-żona. Il-miżuri għall-konservazzjoni huma, b'hekk, aktar effettivi meta jiġu applikati f'dawn iż-żoni fit-tramuntana.

Rapport dwar il-Kumpens Maasvlakte 2

L-iżvilupp ta' Maasvlakte 2 fiż-żona Natura 2000 tal-Voordelta se jwassal għal telf ta' flora u fawna ta' valur ekoloġiku minħabba t-tnaqqis fid-daqs taż-żona Natura 2000 ta' 2,455 ettaru. Id-deċiżjoni ta' pjanar spazjali importanti (minn hawn 'il quddiem KSPD), *Rotterdam Main Port Development 2006*, tistipula li dan it-telf irid jiġi kumpensat permezz ta' l-istabbiliment ta' żona ta' konservazzjoni x'imkien ieħor fil-Voordelta, fejn jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-użu.

Il-KSPD ukoll tiddikjara li r-restrizzjonijiet fuq l-użu u miżuri oħra jgħinu biex jittejjeb l-valur ekoloġika ta' din iż-żona ta' konservazzjoni. Id-domandi ekoloġiċi tqiesu u tqiesu wkoll fil-konfront tar-restrizzjonijiet li għandhom jiġu imposti fuq l-attivitajiet tal-bniedem, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-użu eżistenti, tal-bniedem jew xort'oħra.

Il-liċenzja ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura maħruġa għall-konstruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2 tinkludi obligazzjoni ta' kumpens li tikkonċerna t-Tip ta' Ħabitat 1 110 u numru ta' speċijiet ta' għasafar.

Miżuri

Fil-medda l-qasira, huwa importanti li jiġi limitat l-aċċess għal ċertu żoni fil-Voordelta sabiex ikunu jistgħu jiġu kumpensati f'waqthom l-effetti tal-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2, u sabiex jinżamm monitoraġġ fuq il-konservazzjoni u l-preservazzjoni tal-flora u l-fawna ta' valur ekoloġiku hekk kif inkorporati fid-Digriet ta' Dežinjazzjoni tal-Voordelta.

Miżuri applikabbli għall-Voordelta se jiġu inkorporati wkoll fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Voordelta. Sakemm jibda jseħħ il-pjan ta' ġestjoni, Sezzjoni 19d ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 tibqa tapplika għalkollox. L-għan ta' dan id-digriet huwa biss ir-regolament ta' l-aċċess u r-restrizzjoni fuq l-aċċess għal ċertu żoni, imma ma jipprovdi għall-ebda deroga mill-kondizzjonijiet meħtieġa għal-liċenzjar f'każijiet fejn dawn joriġinaw minn kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli.

Id-dokument ta' l-istima ta' l-Impatt Ambjentali u l-evalwazzjoni xierqa (magħmula għall-preparazzjoni tal-Pjan tal-Ġestjoni tal-Voordelta) huma l-bażijiet għad-digriet għar-restrizzjoni fuq l-aċċess. Dawn se jiġu inkorporati wkoll fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Voordelta. L-għan tal-pjan ta' ġestjoni u d-digriet għar-restrizzjoni ta' l-aċċess huwa: il-konservazzjoni tal-beni naturali protetti, il-kumpens għat-telf tal-beni naturali protetti wara l-kostruzzjoni ta' Maasvlakte 2 u, fi ħdan il-limiti ta' din il-konservazzjoni tan-natura, b'kunsiderazzjoni għall-interessi ta' l-utenti rikreazzjonali, it-turiżmu u s-sajd.

Il-miżuri ta' ġestjoni, bħar-restrizzjoni fuq l-aċċess preżenti, sejrin, jekk neċessarju, jiġu aġġustati fuq il-bażi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Noti ta' Spjegazzjoni fuq ir-Restrizzjonijiet fuq l-Aċċess

Kumpens għal Maasvlakte 2


Tip ta' Ħabitat 1 110 (sikek tar-ramel permanenti f'ilmijiet tal-kosta baxxi)

Ħafna speċijiet ta' annimali terrestri u ħut jgħixu fis-sikek tar-ramel f'deltas tal-marea li jalternaw bejn ilma frisk u ilma mielaħ. Dawn iż-żoni tad-delta huma artijiet tal-mergħa importanti għall-annimali u l-foki, għalhekk huwa importanti li dawn jiġu konservati. Totalment, 2 455 ettari ta' dan it-tip ta' ħabitat fil-Voordelta se jintilfu minħabba l-espansjoni tal-Port ta' Rotterdam sa Maasvlakte 2. Parti mill-fawna tal-ħamrija (bijomassa) se tintilef minħabba t-telf ta' din l-art li kieku kienet isservi ta' ikel għall-ħut u l-għasafar.

Peress li mhux possibbli li jinħolqu sikek tar-ramel f'ilmijiet tal-kosta baxxi f'kwalunkwe post ieħor, qed jittieħdu miżuri biex tittejjeb il-kwalità ta' partijiet simili tal-qiegħ tal-baħar f'żoni oħra tal-Voordelta biex iservu bħala artijiet tal-mergħa għall-għasafar u l-ħut. L-objettiv huwa li jogħlew il-livelli tal-bijomassa fi ħdan iż-żona ta' konservazzjoni bħala sors ta' ikel għall-għasafar u l-ħut biex jinżammu l-livelli ta' bijomassa totali fil-Voordelta fuq livell kostanti komparabbli mas-sitwazzjoni ta' qabel il-kostruzzjoni ta' Maasvlakte 2. Dan jaġixxi bħala kumpens għall-effetti tal-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2.

Iż-żona netta taż-żona tal-konservazzjoni fiha total ta' 24 550 ettari, għaxar darbiet akbar miż-żona li se tintilef. Dan il-fattur ta' għaxra joriġina mill-istimi ta' l-esperti u d-dejta tar-riċerka eżistenti li turi li r-restrizzjoni ta' l-użu taż-żona tista' tiġġenera ta' mill-anqas 10 % ta' titjib fil-kwalità tal-ħamrija minħabba t-tkabbir tal-bijomassa. Ibbażat fuq l-istima ta' esperti u aktar investigazzjoni, ġie determinat f'Sezzjoni 1 tal-KSPD li l-istabbiliment ta' riserva tal-baħar (imsejħa żona ta' konservazzjoni f'dan id-digriet) jkun l-aħjar mod biex jiġu kumpensati l-effetti tal-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2. Riċerka sussegwenti turi li l-esklużjoni ta' bastimenti tas-sajd tat-tkarkir bit-travu b'magna ta' kapaċità akbar minn 191 kW (260 hp) miż-żona ta' konservazzjoni hija suffiċjenti biex jinkiseb dan l-objettiv. Id-digriet għar-restrizzjoni fuq l-aċċess jsegwi dawn is-sejbiet.

MAPPA


Werkkaart hoekpunten (omsluitende selectie) bodembeschermingsgebied
Ontwerp-beheerplan Voordelta
Januari 2008
MAASVLAKTE
VOORNE
GOEREE
OVERFLAKKEE
SCHOUWEN
DUIVELAND
WALCHEREN
ZUID-BEVELAND
29840 ha
1
2
3
4
5
Haringvliet
Grevelingen

ANNESS III

Digriet għar-restrizzjoni fuq l-aċċess Verklikkerplaat u Slikken van Voorne

13 ta' Mejju 2008

Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel

Restrizzjoni fuq l-aċċess għal żoni naturali taħt Sezzjoni 20 ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 għaż-żona Natura 2000 'Voordelta'.

INTRODUZZJONI

Is-Sezzjoni 20, Sottosezzjoni 1, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 ([1]) tistipula li l-eżekutivi provinċjali jistgħu jilimitaw l-aċċess għar-riservi naturali protetti kif definiti taħt Sezzjoni 10, Sottosezzjoni 1; żoni nominati hekk kif definiti f' Sezzjoni 10a, Sottosezzjoni 1; żoni oħra li għalihom qed tiġi kkunsidrata designazzjoni bħal din hekk kif definiti f'Sezzjoni 12, jew partijiet tat-tali żoni safejn huwa neċessarji għall-konservazzjoni tal-valur ekoloġiku tat-tali żona.

Sezzjoni 20, Sottosezzjoni 2, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 tistipula li l-awtorità hekk kif definita f'Sottosezzjoni 1 hija tal-Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel fi ftehim ma' Ministru ieħor f'każ li ż-żona definita f'Sottosezzjoni 1, jew parti minnha, qed tiġi ġestita minn jew taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dak il-Ministru jew Ministri oħra.

Id-digriet li ġej irid jiġi approvat bi ftehim mal-Ministru għat-Trasport, Xogħolijiet Pubbliċi u Ġestjoni ta' l-Ilma. Il-mandat ta' l-Affarijiet Reġjonali ([2]) li jseħħ fil-Ministeru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel jistipula li d-Direttur tar-Reġjun tan-Nofsinhar għal dan il-ministeru huwa awtorizzat biex jieħu din id-deċiżjoni f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel.

Huwa neċessarju li jiġi limitat l-aċċess għal numru ta' żoni fiż-żona Natura 2000 tal-Voordelta (minn hawn il-quddiem 'Voordelta') sabiex jiġi protett il-valur ekoloġika eżistenti u tal-futur ta' din iż-żona. Il-bażi għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess bħal dawn tista' tinstab fid-Digriet għad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta (19 ta' Frar 2008, ref DRZO/2008-113) b'kunsiderazzjoni għat-twettiq ta' l-objettivi tal-Voordelta Natura 2000, kif ukoll bħala obligazzjonijiet kompensatorji hekk kif inhuma inkorporati fil-liċenzja ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura (17 ta' April 2008, ref DRZW/2008-1670) maħruġ għall-konstruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2. Dan huwa deskritt f'aktar detall fin-nota ta' spjegazzjoni ġenerali li takkompanja dan id-digriet.

Dan id-digriet jirregola b'mod speċifiku l-aċċess ristrett għaż-żoni dettaljati hawn taħt. Eċċezzjonijiet speċifiċi għal restrizzjonijiet fuq l-aċċess ma jnaqqsu fl-ebda mod mill-kondizzjonijiet meħtieġa għall-liċenzjar hekk kif definiti taħt Sezzjoni 19d ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998, sakemm ma japplikawx l-eċċezzjonijiet definiti taħt Sezzjoni 19d, Sottosezzjoni 2, ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 (proġetti jew attivitajiet skond il-pjan ta' ġestjoni).

DIGRIET

Sezzjoni 1

L-aċċess għaż-żona 'Verklikkerplaat', kif tidher fil-mappa li takkompanja dan id-digriet, irid jiġi limitat.

L-aċċess limitat għall-Verklikkerplaat japplika matul is-sena kollha .

L-aċċess limitat japplika għat-tipi ta' attivitajiet kollha minbarra għall-attivitajiet elenkati hawn taħt:

Titjiriet ta' ħelikopters u titjiriet rikreazzjonali f'ajruplani żgħar

Titjiriet ta' ħelikopters huma permessi fuq din iż-żona 'l fuq minn altitudni minima ta' 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m).

Paragliding u hang gliding huma kompletament projbiti fuq din iż-żona.

Għat-tipi l-oħra kollha ta' avjazzjoni rikreazzjonali (bil-mutur jew mingħajr), din iż-żona ġiet indikata bħala "żona għall-konservazzjoni tan-natura" skond il-kodiċi tal-kondotta għall-avjazzjoni ġenerali, *Verantwoord Vliegen* ["Titjir Responsabbli"], li japplika għal din il-kategorija ([3]), li jistipula li dawn iż-żoni jridu jiġu evitati safejn huwa possibbli. Jekk it-titjir fuq dawn iż-żoni ma jistax jiġi evitat, allura trid tinżamm altitudni ta' mill-anqas 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m), minbarra f'sitwazzjonijiet fejn mhuwiex possibbli minħabba raġunijiet tas-sikurezza.

([1]) Effettiv minn *Staatsblad 2005* [*Bullettin ta' l-Atti, Ordnijiet u Digrieti 2005*], 473.

([2]) *Staatscourant 2006* [*Gazzetta tal-Gvern 2006*], Nru 91.

([3]) Kodiċi tal-Kondotta Verantwoord Vliegen ['Titjir Responsabbli'], Assoċjazzjoni Rjali ta' l-Ajrunawtika ta' l-Olanda (RNAA), 2004.

Sezzjoni 2

Aċċess għaż-żona "Slikken van Voorne", tinsab fil-Voordelta hekk kif tidher fil-mappa li takkompanja dan id-digriet, huwa limitat.

L-aċċess limitat għal Slikken van Voorne japplika matul is-sena kollha.

L-aċċess limitat ma japplikax għall-attivitajiet elenkati hawn taħt:

Sajd bit-tartarun

Is-sajd bit-tartarun huwa permess matul is-sena kollha skond dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin. Dawn jikkonċernaw intrapriża waħda, jiġifieri l-bastiment Tholen 5.

Distanza ta' mill-anqas 250 m trid tinżamm minn żoni ta' rifuġju ta' l-għola livell tal-baħar fuq il-pjanuri tat-tajn.

Il-vettura tas-sajd trid tkun mgħammra b'tagħmir tar-rintraċċar f'kondizzjoni li jista' jintuża għal skopijiet ta' infurzar.

Titjiriet ta' ħelikopters u titjiriet rikreazzjonali f'ajruplani żgħar

Titjiriet ta' ħelikopters huma permessi fuq din iż-żona 'l fuq minn altitudni minima ta' 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m).

Paragliding u hang gliding huma kompletament projbiti fuq din iż-żona.

Għat-tipi l-oħra kollha ta' avjazzjoni rikreazzjonali (bil-mutur jew mingħajr), din iż-żona ġiet indikata bħala "żona għall-konservazzjoni tan-natura" skond il-kodiċi tal-kondotta għall-avjazzjoni ġenerali, *Verantwoord Vliegen* ["Titjir Responsabbli"], li japplika għal din il-kategorija, li jistipula li dawn iż-żoni jridu jiġu evitati safejn huwa possibbli. Jekk it-titjir fuq dawn iż-żoni ma jistax jiġi evitat, allura trid tinżamm altitudni ta' mill-anqas 1 000 pied (bejn wieħed u ieħor 300 m), minbarra f'sitwazzjonijiet fejn mhuwiex possibbli minħabba raġunijiet tas-sikurezza.

Sezzjoni 3

Restrizzjonijiet fuq l-aċċess deskritti hawn fuq f'Sezzjoni 1 ma japplikawx għall-attivitajiet li ġejjin fuq il-bażi ta' Sezzjoni 20, Sottosezzjoni 4 ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998:

Eżekuzzjoni ta' kompiti neċessarji tal-gvern

Il-preżenza matul is-sena kollha għal kompiti mwettqa mill-gvern f'isem il-ġvern, bl-użu ta'jew mingħajr bastiment, vettura jew inġenju ta' l-ajru, safejn huwa neċessarju għall-iskopijiet ta' attivitajiet ta' konservazzjoni, manutenzjoni, demarkazzjoni, monitoraġġ, ispezzjoni jew rintraċċar u militari.

Manutenzjoni tal-kejbils u tas-sistemi tal-pajpijiet

Xogħol ta' manutenzjoni li jsir fuq kejbils u sistemi tal-pajpijiet bejn l-1 ta' Settembru u l-1 ta' Mejju. Aċċess barra minn dan il-perjodu huwa permess biss f'każ ta' neċessita urġenti suġġett għad-diskrezzjoni ta' l-awtorità kompetent.

Sezzjoni 4

1. Żoni li għalihom huwa limiat l-aċċess permezz ta' dan id-digriet jidhru fil-mappa assoċjata bit-titlu "Toegangsbeperkingsbesluit Hinderplaat, Bollen van de Ooster en Bollen van het Nieuwe Zand" [digriet għar-restrizzjoni fuq l-aċċess, Hinderplaat, Bollen van de Ooster u Bollen van het Nieuwe Zand] u huma definiti fid-detall permezz tal-koordinati.

2. Fil-għalqa u fuq l-ilma, il-konfini taż-żona ristretta jistgħu jiġu definiti permezz ta' sinjali u bagi.

3. Mapep u appendiċi oħra kif indikati fis-Sottosezzjoni 1 jistgħu jiġu spezzjonat għal perjodu ta' sitt ġimgħat wara l-pubblikazzjoni, fl-uffiċċji tad-Direttorat ta' l-Affarijiet Reġjonali tan-Nofsinhar tal-Ministeru għall-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel li jinsabu f'Keisersgracht 5 f'Eindhoven. Il-ħinijiet tal-ftuħ huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-9 am sal-5 pm.

Sezzjoni 5

Dan id-digriet irid jiġi mħabbar fil-*Staatscourant* [*Gazzetta tal-Gvern*]. Memorandum ta' spjegazzjoni li jakkompanja dan id-digriet irid jinqara flimkien ma' din l-ordni.

MINISTRU GĦALL-AGRIKOLTURA, NATURA U KWALITÀ TA' L-IKEL

per pro

Direttur tar-Reġjun tan-Nofsinhar

Oġġezzjonijiet

Huwa possibbli li l-partijiet interessati jiddepożitaw oġġezzjoni għal dan id-digriet bil-miktub taħt id-dispożizzjonijiet preskritti fl-Att tal-Liġi Amministrattiva Ġenerali. In-notifiki kollha ta' oġġezzjoni bħal dawn iridu jiġu depożitati fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni ta' l-ordni fil-*Staatscourant* [*Gazzetta tal-Gvern*] fl-indirizz li ġej:

Ministru ta' l-Agrikoltura, Natura u Kwalità ta' l-Ikel

Dienst Regelingen

Afdeling Recht & Rechtsbescherming

PO Box 20401

2500 EK The Hague
The Netherlands

Notifiki ta' oġġezzjoni jridu jkunu iffirmati u jridu jinkludu ta' mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

a) isem u indirizz tal-parti li qed tiddepożita l-oġġezzjoni;

b) data;

c) deskrizzjoni tad-digriet li qed tiġi depożitata l-oġġezzjoni kontra tiegħu; u

d) raġunijiet għall-oġġezzjoni.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Żoni ta' Natura 2000

Il-Voordelta hija d-dar ta' flora u fawna ta' valur ekoloġiku speċjali. Għalhekk din iż-żona hija indikata bħala żona Natura 2000 taħt il-patroċinju tad-Direttiva ta' l-UE fuq l-Għasafar u l-Ħabitats. L-Olanda hija obbligata tistabbilixxi u żżomm "stat ta' konservazzjoni favorevoli" għal ċerti speċijiet u l-habitat tagħhom. Il-konservazzjoni tal-ħajja salvaġġa hija regolata legalment mill-Att dwar il-Flora u l-Fawna, u ż-żoni ta' konservazzjoni huma regolati legalment mill-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998. L-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 jeħtieġ li jiġi stabbilit pjan ta' ġestjoni għaż-żoni Natura 2000 kollha.

Flora u fawna ta' valur ekoloġiku speċjali jistgħu jinstabu mal-Voordelta kollha; madankollu, l-ikbar diversità tinsab fin-nofs tat-tramuntana ta' din iż-żona. Il-miżuri għall-konservazzjoni huma, b'hekk, aktar effettivi meta jiġu applikati f'dawn iż-żoni fit-tramuntana.

Rapport dwar il-Kumpens Maasvlakte 2

L-iżvilupp ta' Maasvlakte 2 fiż-żona Natura 2000 tal-Voordelta se jwassal għal telf ta' flora u fawna ta' valur ekoloġiku parzjalment minħabba t-tnaqqis fid-daqs taż-żona Natura 2000 ta' 2,455 ettari. Id-deċiżjoni ta' pjanar spazjali importanti (minn hawn "il quddiem KSPD), *Rotterdam Main Port Development 2006*, tistipula li dan it-telf irid jiġi kumpensat permezz ta' l-istabbiliment ta' żona ta' konservazzjoni fil-Voordelta, fejn jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-użu. Il-KSPD ukoll iddikjara li r-restrizzjonijiet fuq l-użu u miżuri oħra jgħinu jtejjbu l-valur ekoloġika ta' din iż-żona ta' konservazzjoni. Id-domandi ekoloġiċi ingħataw kunsiderazzjoni u ntieżnu kontra l-estent safejn ir-restrizzjonijiet għandhom jiġu imposti fuq l-attivitajiet tal-bniedem, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-użu eżistenti, tal-bniedem jew xort'oħra.

Il-liċenzja ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura maħruġa għall-konstruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2 tinkludi obligazzjoni ta' kumpens li tikkonċerna t-Tip ta' Ħabitat 1 110 u numru ta' speċji ta' għasafar. Permezz tad-digriet għall-aċċess limitat li qed jiġi kkunsidrat, miżuri kompensatorji jridu jittieħdu flimkien ma' l-objettivi preskritti minn Natura 2000.

Miżuri

Fil-medda l-qasira, huwa importanti li jiġi limitat l-aċċess għal ċertu żoni fil-Voordelta sabiex ikunu jistgħu jiġi kumpensati f'waqthom l-effetti tal-kostruzzjoni u l-preżenza ta' Maasvlakte 2, u sabiex jinżamm monitoraġġ fuq il-konservazzjoni u l-preservazzjoni tal-flora u l-fawna ta' valur ekoloġiku hekk kif inkorporati fid-Digriet ta' Dežinjazzjoni tal-Voordelta.

Miżuri applikabbli għall-Voordelta se jiġu inkorporati wkoll fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Voordelta. Sakemm jibda jseħħ il-pjan ta' ġestjoni, Sezzjoni 19d ta' l-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura 1998 tibqa tapplika għalkollox. L-għan ta' dan id-digriet huwa biss ir-regolament ta' l-aċċess u r-restrizzjoni fuq l-aċċess għal ċertu żoni, jipprovdiex għal kwalunkwe dispensa mill-kondizzjonijiet meħtieġa għall-liċenzjar f'każijiet fejn dawn joriġinaw minn kwalunkwe leġiżlazzjoni applikabbli.

Id-dokument ta' l-istima ta' l-Impatt Ambjentali u l-evalwazzjoni xierqa (magħmula għall-preparazzjoni tal-Pjan tal-Ġestjoni tal-Voordelta) huma l-bażijiet għad-digriet għar-restrizzjoni fuq l-aċċess. Dawn se jiġu inkorporati wkoll fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Voordelta. L-għan tal-pjan ta' ġestjoni u d-digriet għar-restrizzjoni ta' l-aċċess huwa: il-konservazzjoni tal-beni naturali protetti, il-kumpens għat-telf tal-beni naturali protetti wara l-kostruzzjoni ta' Maasvlakte 2 u, fi ħdan il-limiti ta' din il-konservazzjoni tan-natura, b'kunsiderazzjoni għall-interessi ta' l-utenti rikreazzjonali, it-turiżmu u s-sajd.

Il-miżuri ta' ġestjoni, bħar-restrizzjoni fuq l-aċċess preżenti, sejrin, jekk neċessarju, jiġu aġġustati fuq il-bażi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Noti ta' Spjegazzjoni fuq ir-Restrizzjonijiet fuq l-Aċċess

Slikken van Voorne hija importanti għall-protezzjoni ta' diversi speċji ta' għasafar li jgħixu fiż-żona (bejn wieħed u ieħor għoxrin speċi, prinċipalment papri u għasafar ta' l-ordni *Charadriiformes*) li għalihom ġew preskritti miri ta' konservazzjoni fid-Digriet għad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta.

Verklikkerplaat hija ta' importanza speċjali għall-protezzjoni tal-foka komuni.

Objettivi ta' Natura 2000

Għasafar ta'l-ordni *Charadriiformes* u Papri

Diversi speċijiet ta' għasafar ta'l-ordni *Charadriiformes* u papri bħall-gallina tal-baħar u l-kurvert griż ta' l-ilma ħelu jużaw is-Slikken van Voorne fil-Voordelta bħala żona ta' mistrieħ u tiftix għall-ikel. Il-Voordelta qed issir dejjem aktar importanti għall-eżistenza kontinwa tagħhom bħala riżultat tat-tnaqqis fil-ħabitats f'postijiet oħra, bħas-sikek tar-ramel tal-Oosterschelde fejn l-għasafar tal-passa jistrieħu u jieklu.

L-attivitajiet rikreazzjoni fil-viċinità tagħhom, kemm fuq l-ixtut u fuq l-ilma, jiddisturba lil dawn l-għasafar, li huma partikolarment sensittivi għall-ħsejjes u l-movimenti f'daqqa. Din il-problema qed tikber, minħabba li l-istaġun rikreazzjonali dejjem qed jitwal. Il-miżuri li jillimitaw l-aċċess għal Slikken van Voorne huma maħsuba biex jiksbu l-miri ta' konservazzjoni preskritti fid-Digriet għad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta għall-papri u l-għasafar ta'l-ordni *Charadriiformes*.


Foka komuni


Fil-bidu tas-seklu l-ieħor, madwar għaxart elef foka komuni kienu jgħixu fid-Delta. It-tniġġis, il-kaċċa u t-tnaqqis ta' l-ispazju fil-ħabitat tagħhom minħabba x-xogħolijiet tad-Delta naqqsu n-numri tagħhom sa ftit tużani individwi ħamsin sena ilu. F'dawn l-aħħar snin, in-numri tagħhom kibru għal aktar minn mija fiż-żona tad-Delta, b"50 % jgħixu fiż-żona tal-Voordelta.

Huma jużaw pjanuri tal-marea bħal dawk ta' Hinderplaat, Bollen van de Ooster (Aardappelenbult) u Verklikkerplaat biex jistrieħu. Madankollu, ma jirriproduċux sew fil-Voordelta. Il-pjanuri jipprovdu paċi u kwiet suffiċjenti għalihom biex iwelldu, jreddgħu u jrabbu l-frieħ tagħhom. Paċi u kwiet mas-sena kollha huma essenzjali; l-aktar perjodu kritiku huwa qabel, matul u wara l-perjodu ta' trawwim mill-1 ta' Mejju sa l-1 ta' Settembru.

Il-miżuri li jillimitaw l-aċċess għall-postijiet ta' mistrieħ f'Hinderplaat, Bollen van de Ooster u Verklikkerplaat li jinsabu fil-Voordelta huma maħsuba biex jippermettu ta' mil-lanqas mitejn foka komuni biex jgħixu fid-Delta intiera. Hawnhekk jistgħu jrabbu l-frieħ tagħhom, u b'hekk jintlaħqu l-objettivi preskritti fid-Digriet tad-Deżinjazzjoni tal-Voordelta.

MAPEP


Werkkaart hoekpunten rustgebied Verklikkerplaat
Ontwerp-beheerplan Voordelta
Januari 2008
vkp04
vkp05
vkp06
vkp03
vkp07
6
237 ha
vkp301
vkp01


Werkkaart hoekpunten rustgebied Slikken van Voorne
Ontwerp-beheerplan Voordelta
Januari 2008
svv307
svv302
svv304
svv306
svv301
svv12
4
548 ha
svv03
svv10
svv308
svv315
svv317
svv324
svv318
svv323
svv01
svv08
svv06
Legenda
Begrenzing rustgebied
Rustgebieden:
1 Hinderplaat
2 Bollen van de Dorter
3 Bollen van het Nieuwe Zand
4 Slikken van Voorne
5 Verklikkerplaat
1 m -NAP
5 m -NAP
10 m -NAP
> 25 m -NAP